Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 88/2003

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma,**
**f'isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta**

**Vs**

**Rita Glass**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tal-Korporazzjoni attrici pro et nomine ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf hames mija u disgha u tmenin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm1589.48) dovuti mill-konvenuta lilha proprio et nomine kwantu ghas-somma ta' Lm397.12 ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond Blue Peter, 96, Triq id-Dejqa, Valletta ghall-perjodu bejn l-1980 sat-18 t'Ottubru, 2002 skond il-kont numru 050269700 u d-dokument anness mal-avviz WSC 1 u kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fl-

ammont ta' Lm1192.36 fil-fond 25, Triq Sant'Ursola, Valletta ghall-perjodu bejn is-26 ta' Gunju, 1993 sal-15 ta' Ottubru, 2002 skond il-kont numru 010331230 u d-dokument anness mal-avviz WSC 2.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm14.25 spejjez ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu, 1998 u r-rikors presentat fid-29 ta' Frar, 2000 u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 9 tal-atti kif ukoll id-dokumenti esebiti mal-atti minn fol 2A sa fol 3C.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici pro et nomine sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fis-17 ta' Settembru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-Korporazzjoni attrici pro et noe s-somma ta' Lm1589.48,0 bl-imghax legali mis-27 ta' Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu 1998 ammontanti ghal Lm14.25,0 u tar-rikors tad-29 ta' Frar 2000, msemmi fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------